# Programm tal-Festi Centinarji F'Gieh il-Madonna tal-Gilju

**FIL-PARROCCA TAL-IMQABBA**

*8 — 16 ta' Mejju* 1976



**MAHRUĠ MIS-SOCJETA TAL-ĠILJU MQABBA** 1976

# Ktejjeb ta' Tifkira

**F'GHELUQ L-EWWEL ĊENTINARJU**

**TAL-FESTA TAL-MADONNA TAL-ĠILJU**

**MAĦRUĠ MIS-SOĊJETA' TAL-ĠILJU — MQABBA**

**BORD EDITORJALI:** JOE AZZOPARDI

BENNY BRIFFA.

---

Ninsabu viċin il-Festa ta-Madonna Tal-Ġilju li hija tant għal qalbna. Din is-sena l-Festa għandha sinifikat speċjali għax jaħbat l-ewwel ċentinarju minn mindu bdew jiġu organizzati l-festi ad unur il-Madonna Tal-Ġilju. Bħal snin oħra l-preparamenti minn qabel ma naqsux, anzi nistgħu ngħidu li żdiedu.

Minn din is?sena sejrin nerġgħu nibdew inżejjnu r-raħal kollu bħal xi tletin sena ilu. Dan m'aħniex sejrin nagħmluh f'sena waħda għax hija ħaġa mpossibbli, iżda ninsabu konvinti li kull sena nkunu nistgħu nżanżnu xi ħaġa ġdida.

Bħal snin oħra l-ġenerożita' tagħkom ma naqsitx, u b'hekk l-kumitat iddeċieda li jixtri dar li tmiss mal-Każin tagħna. Ix-xogħol fuq dan il-proġett beda, u qed isir mill-partitarji stess.

Meta wieħed jara l-programm li ġie mħejji għal dawn il-festi ċentinarji jinduna li hemm ħafna attivitajiet li żgur li jogħġbu lil kulħadd. Hawn nixtiequ nagħmlu appell lil kulħadd biex jieħu sehem billi jattendi għal dawn l-attivitajiet, filwaqt li nagħmlu kemm nistgħu biex f'dawn il-jiem tal-festa tirrenja l-għaqda fost in-nies kollha ta' l-Imqabba.

tal-Istatwa

# L-EWWEL CENTINARJU TAL-MADONNA TAL-GILJU MQABBA 1876 - 1976

F'Novembru tal-1598, l-isqof ta' dak iż-żmien, Mons. Gargallo, laqa' t-talba tal-poplu ta' l-Imqabba biex jifforma parroċċa għalih minn dik ta' Bir Miftuħ. L-ewwel kappillan kien Dun Ġwann Mizzi. Il-knisja parrokkjali kienet ġiet iddedikata lil Marija Assunta. Ta' min jinnota li fil-knisja tagħna hemm tliet statwi kollha ddedikati lil Verġni Marija, waħda taħt it-titolu ta' l-Assunta, oħra taħt it-titolu tar-Rużarju u l-oħra taħt it-titolu tal-Madonna tal-Ġilju li eżattament din is-sena qegħdin niċċelebraw iċ-ċentinarju tagħha.

L-istatwa, li hija tal-karta plastika, ħarġet minn taħt idejn il-bravu artist Giovanni Darmanin fis-sena 1876 fejn wera biċ-ċar il-ħila li kien jippossiedi bħala artist. Kappillan tal-parroċċa jilqa' l-istatwa għall-ewwel darba nsibu lil ħabrieki Dun Franġisk Vella u jgħinu bħala prokuratur lil Dun Salv Schembri. Sabiex jieħdu ħsieb il-festa, insibu l-Konfratenita' ta l-Immakulata Kunċizzjoni li permezz tal-prokuratur u l-fratelli tagħti l-kontribut tagħha fil-funzjonijiet fil-knisja fil-jiem tal-festa li dejjem tiġi fix-xaha ta' Mejju. Tajjeb li wieħed igħid li l-Konfraternita' twaqqfet fl-Imqabba b'digriet mogħti mill-Isqof Fra Giovanni Carmine Pallerano fid-29 ta' Jannar 1772. Din l-istess Konfraternita' hija magħquda ma' l-Arċikonfraternita' tal-Kunċizzjoni ta' San Lawrenz in Damaso f'Ruma.

Mal-mixja taż-żmien l-istatwa ġiet restawrata kemm il-darba. Insibu li fiż-żmien il-gwerra l-knisja ġarrbet ħsarat kbar speċjalment fil-korsija fejn hemm in-niċċa tal-Madonna. Kien b'miraklu, li fost il-ħsarat li saru, l-istatwa biss baqgħet bla mimsusa għajr ras is-serp li hemm taħt riġlejn il-Madonna, li ġie mgħaffeġ. L-istess ħaġa ġrat lill-istatwa tal-Kunċizzjoni li hemm fiz-zuntier.

Fit-13 ta' Diċembru 1952, Dun Ġużepp Xuereb prokuratur ħabrieki tal-festa, għamel rikors fil-Kurja biex issir bradella.

Dan ir-rikors sar peress li l-bradella li kien hemm qabel kienet tfaorket fl-gwerra u l-vara kienet tintrema' fuq il-kaxxi għal madwar għaxar snin. Ix-xewqa tal-prokuratur seħħet is-sena ta' wara fejn saret bradella l-ġmiel tagħha fuq disinn ta' l-iskultur Buhagiar minn Ħal Tarxien. Fl-istess sena ġew inzanżna wkoll is-sandli tad-deheb ta' riġlejn il-Madonna kif ukoll l-djadema ta' fuq rasha. Wara ħafna snin ta' ħidma għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju, Dun Ġużepp ħalla din il-ħatra fl-1970, u minfloku laħaq is-Sur Joseph Farrugia li qiegħed ikompli fejn ħalla ta' qablu.

Matul il-jiem tal-festa, minbarra dawk reliġjużi jsiru festi soċjali. Għal dan il-għan fir-raħal tagħna nsibu l-Każin tal-Banda Lily li jieħu ħsieb minn sena għall-oħra li jorganizza programmi mużikali u logħob tan-nar maħdum mill-istess partitarji għal jiem il-festa.

Tajjeb hawn li ngħidu xi ħaġa dwar l-istorja tal-Każin tal-Banda Lily. Skond tagħrif li għandna l-ewwel każin infetaħ fl-1911 bl-ewwel President tiegħu s-Sur Pawl Caruana, l-ikbar benefattur li kellu l-każin, l-imgħallem Baskal Xuereb, li dam President tas-Soċjeta' sal-mewt tiegħu fl-1925. Fl-1936, wara li kien ħadem l-armar tal-festa, ħa ħsieb li jibni maħżen fejn jintrefa' l-armar. Wara l-gwerra l-partitarji ħadu ħsieb jirranġaw il-Każin li kien ġarrab ħsarat kbar. Il-kumitat ra u ħaseb li jgħallem il-mużika lil numru ta' żgħażagħ biex b'hekk twaqqfet Banda. Fl-1954 saru festi kbar biex jitfakkru l-festi ċentinarji tad-Domma tal-Kunċizzjoni.

B'din it-tifkira fl-imħuħ ta' ħafna Mqabbin din is-sena l-kumitat flimkien mal-prokuratur ħejjew programm sħiħ ad unur tal-Bejata Verġni taħt it-titolu tal-Madonna tal-Ġilju.

JOE AZZOPARDI.

# 1876 - Programm tal-Festi (
## F'Gieh il-Mad(

***FESTI FIL-KNISJA***

**12 TA' MEJJU.** **L-Ewwel Jum tat-Tridu.**

7.00 p.m. Quddiesa Kantata, priedka mir-Rev. Guido Schembri O.F.M. Litanija, Antifona u Celebrazjoni Ewkaristika.

**13 TA' MEJJU.** **It-Tieni Jum tat-Tridu.**

7.00 a.m. Quddiesa Kantata.
7.00 p.m. Quddiesa Kantata, priedka, Litanija, Antifona u Celebrazjoni Ewkaristika.

**14 TA' MEJJU.** **It-Tielet Jum tat-Tridu.**

7.00 a.m. Quddiesa Kantata.
6.00 p.m. Quddiesa Kantata, priedka, Litanija, Antifona u Celebrazjoni Ewkaristika.

**15 TA' MEJJU.** **Lejlet il-Festa.**

7.30 a.m. Quddiesa Kantata u TEDEUM bħala ringrazzjament
5.30 p.m. Għasar bil-vuċijiet.

**16 TA' MEJJU.** **Jum il-Festa.**

5.00 a.m. Quddiesa Parrokkjali.
6.00 a.m. Quddiesa Letta.
7.00 a.m. Quddiesa Letta.
8.00 a.m. Kant tal-Laudi.
8.30 a.m. Quddiesa Kantata. Wara l-Vanġelu l-W.R. Kan. Dun Mikiel Saliba jinseġ paniġirku ta' tifħi[ra] lill-Madonna.
10.30 a.m. Quddiesa Letta .
11.30 a.m. Quddiesa Letta.
6.00 p.m. Għasar Solenni bil-mużika. Wara toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna Tal-Ġilju. Wara l-purċissjoni tingħata l-Barka Sagramentali u jsir il-bews tar-Relikwija.

**N.B.** F'lejliet il-festa se jkun hawn il-konfessuri għall-Qrar. Il-mużika tkun taħt id-direzjoni tas-Surmast Frans Sammut.

**IL-PROKURATUR.**

# Centinarji fl-Imqabba - 1976
# onna tal-Gilju

***FESTI MUZIKALI U KULTURALI***

**8 TA' MEJJU.**

9.00 p.m. Mixgħela tal-Faċċata tal-Każin Lily.

9.15 p.m. Marċ briljuż mill-Banda Lily mat-toroq tar-raħal.

**TA' MEJJU.**

9.00 p.m. Marċ u Display mill-1st Band Duke of Argyll's Own Band tal-Boys Scouts tal-Ħamrun. Ikun hemm Highland Dancing mill-Girl Guides ta' l-istess Group.

**13 TA' MEJJU.**

9.00 p.m. Programm mill-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta.

**14 TA' MEJJU.**

7.30 p.m. Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq tilqa' lil President tar-Repubblika Sir Anthony Mamo fil-Pjazza tal-Knisja. Wara li jingħata Salut isir diskors għall-okkażjoni. Il-President Sir Anthony Mamo jikxef Lapida komemorattiva u l-istess lapida tiġi mbierka minn Mons Arċisqof Sir Micheal Gonzi. Wara jkun hemm riċeviment għall-mistednin.

8.30 p.m. Marċ briljuż mill-Banda Queen Victoria mat-toroq ewlenin tar-Raħal.

11.00 p.m. Murtali tal-kulur u logħob tan-nar fil-pjazza.

**15 TA' MEJJU.** **Lejliet il-Festa.**

8.30 p.m. Mixegħla ġenerali.

9.00 p.m. Il-Banda lokali "Lily" tagħmel marċ briljuż minn Diamond Jubilee Square wara tesegwixxi programm mużikali fil-Pjazza taħt Mro. Julio Tanti L.C.M.

10.30 p.m. Ħruq ta' Beraq pront u murtali tal-kulur.

| | |
|---|---|
| 11.30p.m. | Hruq ta' logħob tan-nar artistiku fil-pjazza tal-knisja. |

**16 TA' MEJJU. Jum il-Festa.**

| | |
|---|---|
| 12.30 p.m. | Marċ tradizzjonali mar-raħal mill-Banda Lily. Hruq ta' murtaletti u kaxxa nfernali miġbura mill-partitarji ta' Valletta Rd. u Pears Str. |
| 6.30 p.m. | Il-Banda "San Ġużepp" tal-Hamrun tagħmel marċ minn Triqil-Parroċċa. |
| 6.30 p.m. | Il-Banda "Queen Victoria" taż-Zurrieq tagħm[el] marċ minn Triq Santa Katerina. Mal-ħruġ ta' l-istatwa titkanta l-Ave Maria u hekk kif l-istatwa tasal quddiem il-Każin jitkanta Innu lill-Madonna Tal-Ġilju. Jieħu sehem il-kor ta' l-istess Soċjeta flimkien ma' (Baxx) Pio Zammit u (Tenur) Joseph Farrugia. Waqt il-purċissjoni jkun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxi nfernali u murtaletti. |
| 9.00 p.m. | Hruq ta' Beraq Pront u murtali tal-kulur li jagħlqu b'kaxxa tal-kulur. |

**IL-KUMITAT.**

---

## OPRI GODDA

Sejrin jiżżanżnu sett fjuretti ġodda fuq il-bradella madw[ar] il-Madonna. Dawn saru minn benefattur u devot kbir tal-Madonna Tal-Ġilju.

Is-Sur Menu Vella ser jippreżenta linfa Tal-Bronż u żewġ lamp shades tal-fidda lill-Każin Lily.

Ser jiżżanżnu sett pavaljuni għal St. Catherine Str., miġbura mill-partitarji. Sett pavaljuni għal parti minn Parish Str., saru mis-Sur Andrew Tanti Emigrant fl-Awstarja. Il-kumplament ngabru mill-partitarji.

## *IT-TIZJIN FIL-FESTA TAGĦNA*

SAL-1934 fl-Imqabba kienu jsiru festi kbar ad unur Il-Madonna tal-Ġilju. Il-festa kienet tgawdi popolarita' kbira, u dak li kien iħajjar tant nies lejn l-Imqabba kien żgur it-tiżjin tar-raħal u l-logħob tan-nar. Iżda ġara li fl-1935 sar il-Konċilju li bih il-festi sekondarji ġew ikkontrollati. Dan wassal biex narmaw il-pjazza biss. Għalkemm għaddew ħafna snin, it-tama li xi darba nkunu nistgħu narmaw ir-raħal kollu baqgħet hemm.

Meta s-sena l-oħra ġriet l-aħbar li l-festi sekondarji ġew mogħtija permess biex iżejnu kull fejn jistgħu, tistgħu taħsbu [illegible]erħ li rrenja fil-[illegible]ħżin tagħna. Il-Kumitat fassal programm biex ikun jista' jitwettaq pjan ta' tiżjin għal din is-sena. Bil-ħeġġa li wrew il-partitarji, l-kumitat beda jirsisti biex jirranġa u jirrestawra l-armar li kien ilu s-snin ma jintrema. L-ikbar sfida iżda kienet li nagħmlu set pavaljuni għat-toroq ewlenin ta' l-Imqabba. F'dan ix-xogħol ħadu sehem numru kbir ta' partitarji nisa, min jiġbor il-flus meħtieġa u min iħiet. Dan ix-xogħol sar [illegible] disinn tas-Sur Toni [illegible]aldacchino li ħa ħsieb ix-xogħol ukoll.



Minħabba x-xogħol konsiderevoli li jinvolvu, din is-sena sejrin jizzanznu biss dawk ta' triq il-Parroċċa u t-triq Sta. Katarina.

Min din l-informazzjoni li għaddejnielkom tistgħu taraw ix-xogħol kbir li sar din s-sena. Dan kollu sar biss bil-ġenerosita' tagħkom u bl-entużjażmu li jeżisti fis--Soċjeta' tagħna.

BENNY BRIFFA.

**RENDIKONT TAL-FESTA FIL-KNISJA. SENA 1975.**

| **HRUĠ:** | **£M** | **c.** | **m.** |
|---|---|---|---|
| ORKESTRA | 50 | 00 | 0 |
| VUCIJIET | 8 | 50 | 0 |
| ORGANISTA | 6 | 00 | 0 |
| PUNTERIJA | 13 | 60 | 0 |
| DAWL FIL-KNISJA | 3 | 00 | 0 |
| DRITT TAS-SAGRISTAN | 3 | 00 | 0 |
| DAMASK | 5 | 00 | |
| PATRIJIET KAPPUCCINI | 7 | 00 | 0 |
| PATRIJIET GHALL-QRAR | 3 | 00 | 0 |
| QUDDIESA TAL-PANEĠIRKU | 2 | 50 | 0 |
| SALIB TAL-KLERU | 1 | 50 | 0 |
| XEMA GHALL-ARTALI | 8 | 00 | 0 |
| DAQQ TAL-QNIEPEN | 4 | 00 | 0 |
| DRINKS | 2 | 50 | 0 |
| PROGRAMMI | 10 | 00 | 0 |
| POSTERS | 4 | 25 | 0 |
| ENVELOPS | 3 | 00 | 0 |
| **HRUĠ TOTALI:** | £134 | 85 | 0 |

| **DHUL:** | **£M** | **c.** | **m.** |
|---|---|---|---|
| ĠBIR MILL-ENVELOPS | 155 | 23 | 0 |
| ĠBIR MIR-REKLAMI | 14 | 25 | 0 |
| **DHUL TOTAL:** | 169 | 48 | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| DHUL TOTALI | £M169 | 48c | 0 |
| HRUĠ TOTALI | £M134 | 85c | 0 |
| BILANC | £M 34 | 63c | 0 |

Joe Farrugia.
IL-PROKURATUR



Fil-jiem tal-festa, din il-Kappella tkun armata u miftuħa għall-pubbliku. Il-Kappella li hija ddedikata lil Marija Immakulata tinstab fil-Każin tal-Banda "Lily" u l-benefattur Tagħha huwa s-sur Menu Vella.